**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 26** **10 ta' Settembru 2021**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 10 ta' Settembru fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier

Frederick Aquilina – Kunsillier

Victor Caruana – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Maria Magri - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Keoron Bruno – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku John Schembri** ppresjeda l-laqgħa.

**26.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 25**

**Is-Sindku John Schembri** talab l-approvazzjoni tal-Minuti 25, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 25 ġew approvati b'mod unanimu.

**26.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

26.2.1 Is-Sindku John Schembri nfurma li se jsir riġenerazzjoni taz-zona ndustrijali f'Ħal Farruġ mill-Ministeru tal-Ekonomija. Il-Kunsillier Victor Caruana talab li l-Kunsill jitlob li jsiru l-ismijiet tat-toroq f'din iz-zona.

26.2.2 Il-Kunsillier Eric Camilleri nfurma li minħabba l-pandemija l-attivita' taħt l-iskema Achievers baqgħet ma saritx, għaldaqstant ġew proposti żewġ dati. Fil-fatt huwa maħsub li fit-12 ta' Novembru ssir diskussjoni dwar l-użu tal-cannabis u fl-14 ta' Novembru jsir football tournament.

26.2.3 Is-Sindku John Schembri nfurma li reġgħet ħarġet l-iSkema ta' finanzjament għall-Proġetti minn LESA fejn se ssir talba għar-restawr tal-Kappella tal-Ftajjar.

26.2.4 Is-Sindku John Schembri nfurma li l-Kumpanija IPSL staqsiet lill-Kunsill jekk hemmx interess li jiġi estiż il-kuntratt ta' xogħol ta' wieħed mill-impjegati assenjati mal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-impjegat huwa essenzjali għall-ħidma tal-Kunsill u għaldaqstant se tkun qed issir talba sabiex l-impjieg tiegħu jiġi mġedded b'sena oħra.

**25.3 Komunikat mill-Kunsilliera**

25.3.1 Il-Kunsillier Victor Caruana talab li tiġi nstallata tabella sabiex ma jintremix skart fi Triq Sir Ugo Mifsud

25.3.2 Il-Kunsillier Victor Caruana talab li tiġi nstallata mera fi Triq il-Karmnu.

25.3.3 Il-Kunsillier Victor Caruana ġibed l-attenzjoni li t-tindif tal-culverts mhux isir skont is-sengħa.

25.3.4 Il-Kunsillier Victor Caruana talab li ssir manutenzjoni tal-bankina fi Triq Dun Pawl k/m Triq il-Ġdida

25.3.5 Il-Kunsillier Lucia Massa nfurmat li fi Triq Wied il-Knejjes hemm id-drenaġġ miżdud. Is-Sindku nfurma li dan ix-xogħol isir mill-Korporazjzoni għas-servizzi tal-ilma u mhux mill-Kunsill Lokali.

25.3.6 Il-Kunsillier Lucia Massa nfurmat li l-isprall quddiem Teżor reġa' nqala. Is-Sindku nfurma li se jkun qed isir rapport lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

25.3.7 Il-Kunsillier Frederick Aquilina nfurma li ġie avviċinat mill-istudenti tal-MHSA fejn qed joffru li ssir attivita' ta' Health Checks għar-residenti tal-lokalita' mingħajr ħlas. Il-Kunsillier Frederick Aquilina ppropona li ssir waħda fejn il-Knisja Parrokkjali u oħra f'Ħal Farruġ, sabiex jiġu milħuqa kemm jista' jkun residenti. Il-Kunsill qabel ma din l-inizzjattiva.

25.3.8 Il-Kunsillier Maria Magri nfurma li se terġa' ssir il-Mixja tal-President. Din il-mixja qed tiġi kkoordinata mir-Reġjuni u għaldaqstant il-Kunsill ġie mitlub jgħaddi r-rotta għal din il-mixja li trid tkun twila madwar 3.5km u li għaliha jridu jattendu madwar 100 persuna. L-applikazzjonijiet mistennija jinġabru mill-Kunsill Lokali għal fee ta' €10 u r-Reġjun Nofsinhar se jkun qed jagħti xi ilma u frott għall-parteċipanti. Ġie diskuss u approvat li r-rotta tkun kif ġej: Tluq mill-pjazza ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali għal Triq il-Karmnu, Triq ir-Rixtellu, Triq San Pawl, Misraħ Sant'Andrija, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq San Andrija u lura għall-pjazza.

## 25.4 Skeda ta' Ħlasijiet

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

Il-Kunsillier Eric Camilleri ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

Il-Kunsillier Victor Caruana ssekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.45p.m. u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa, 10 ta' Ottubru fil-5.30p.m.

Konfermati, llum ____________________________________

John Schembri | Karen Camilleri
Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv